MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Numru. 421/2009

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Carmelo Magri]**

**vs**

**Nadine Cutajar**

**Kumpilazzjoni Numru: 421/2009**

**Illum 18 ta’ Frar 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Nadine Cutajar ta’ 26 sena mart Franco u bint Guido Agius imwielda Pieta’ fl-1 ta’ Mejju, 1982, residenti fil-fond bl-isem ‘Casa Cristiano’ Triq il-Kuncizzjoni Ghaxaq u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 244282(M).

Akkuzati talli f’ dawn il-Gzejjer fl-24 ta’ Marzu, 2009 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, ffalsifikat jew bidlet, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamlet uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali falsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, iffalsifikat jew bidlet, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew xjentement, ghamlet uzu ta’ dawn id-disinji jew mudelli falsifikati jew imbidla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghethom merkanzija, b’ din il-marka, sinjal jew emblema.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’ qerq.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod iehor ipproduciet jew ikkopjat, jew bieghet, qasmet, jew mod iehor offriet ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, applikat fuq oggett jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’ aktarx jithawwad ma’ trademark registrata.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, bieghet jew kriet, offriet jew esponiet ghall-bejgh jew kiri jew qasmet oggett li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x' aktarx jithawwad ma' trademark registrata.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat f'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 298(1)(a)b)(c)(f), 298B u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 72(1)(a)(b) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta pupi tal-Playmobil: jirrizulta li Nadine Cutajar kienet takkwista bicciet ta' pupi tal-playmobil biex imbaghad tghaqqadhom u tbieghhom. Dan kollu kienet taghmlu minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta Playmobil.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta kummercjali Germaniza Geobra Branbstatter GmbH & Co indunat li fis-suq kien qed ikun hemm prodotti mhux awtorizzati u li anke kien qed isir bejgh taghhom mhux awtorizzat fuq is-sit eBay. Dwar dan giet infurmata s-socjeta Playmobil Malta Ltd li, wara li ghamlet xi verifiki, baghtet ittra permezz tal-konsulent legali taghha lill-Pulizija biex dawn, da parti taghhom, jinvestigaw il-kaz u jiehdu l-passi opportuni.

Illi jirrizulta li s-socjeta Playmobil Malta Ltd tadopera sistemi differenti ghall-immuntar (assembly) tal-pupi taghha fis-sens li minbarra xoghol fil-fabbrika hija gieli tikkontratta nies biex jimmuntaw il-pupi huma fi djarhom; meta taghmel hekk il-pupi jkunu jridu jintbaghtu lura l-fabbrika biex hemm isir l-process ta’ quality control, jigu ippakkjati u finalment mibjugha[1]. Jidher li dawn il-persuni li jigu mqabbda biex jimmuntaw il-pupi f’darhom huma obbligati li jirritornaw mhux biss il-pupi lesti mmuntati imma anke kull bicca li ma tkunx uzata.

Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata jirrizulta li hija kienet takkwista pupi tal-playmobil jew bicciet taghhom, tghaqqadhom (jew billi tirriproduci mudelli tal-Playmobil jew inkella kienet tibni mudelli fuq ideat taghha stess) biex mbaghad tbieghhom. Hi tammetti li ma kenitx tippakjahom b’l-istess mod kif kienu jigu ppakjati fil-fabbrika imma kienet tippakkjahom “kif kienet taf hi”. L-imputata f’l-stqarrija taghha tghid ukoll li hija ma kellha l-ebda awtorizazzjoni minghand Playmobil Malta Ltd biex taghmel dak li kienet qed taghmel. In oltre hija tammetti li kienet taf li persuni li jkunu gew mqabbda biex jimmuntaw il-pupi barra mill-fabbrika kienu obbligati jirritornaw kollox lura lill-Playmobil. L-imputata ma tghidx minghand min kienet tixtri il-pupi jew il-bicciet tal-pupi pero tghid li l-mudelli shah kienet tixtrihom b’xi sebghin Euro centezmu; hi da parti taghha kienet tbieghhom bit-tlett Euro.

[1] F’xi cirkostanzi anke l-quality control u packing jigi subcontracted.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil certu Stephen Previ li jikkonferma li huwa kien jixtri u jbiegh b'mod mhux awtorizzat pupi tal-Playmobil u li dwar dan huwa tressaq il-Qorti u gie ikkundannat, anke minhabba li huwa kien jixtri pupi jew partijiet taghhom li kienu misruqin. Dan ix-xhud jikkonferma ukoll li hu lill-imputata jafha, u li kien ibieghilha pupi; hu jghid li jahseb li l-imputata kienet taf li dak li kien ibieghilha kien misruq.

Illi fil-kors ta'l-investigazzjonijiet taghhom il-pulizija elevaw mir-residenza ta'l-imputata erbgha xkejjer mimlija b'dawn il-bicciet tal-pupi kif ukoll il-computer taghha. Dawn l-oggetti gew ezaminati mill-espert nominat minn din il-Qorti, Dr Martin Bajada. Mir-rapport tieghu jirrizulta li minn fuq dak il-computer saru diversi ricerki dwar il-pupi tal-Playmobil tramite l-internet u l-eBay pero fuq il-hard-drive ma sab l-ebda evidenza ta' transazzjonijiet minn fuq l-eBay. Fuq il-computer instab folder b'stampi tal-pupi tal-Playmobil. Dwar il-bicciet tal-pupi li gew elevati mir-residenza ta'l-imputata gie konfermat li dawn kienu bicciet originali.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhud rapprezentant ta'l-Ufficcju tal-Propjeta Industrijali. Mid-dokumenti li prezenta dan ix-xhud (John Richards) u anke mid-depozizzjoni tieghu jidher li s-socjeta estera Geobra Brandstatter GmbH & Co ghandha tlett registrazzjonijiet lokali u anke zewg Community Trademarks.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ghas-sottomissjoni ta'l-abbli difensur tal-imputata li l-imputata rrilaxxjat l-istqarrija taghha minghajr ma nghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat liema stqarrija ghalhekk ghandha tigi skartata u li konsegewntement kull haga li qalet l-imputata f' dik l-istqarrija m'ghandhiex tintuza bhala prova.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-imputata rrilaxxjat l-istqarrija taghha fis-sena 2009 meta d-dispozizzjoni dwar id-dritt ta' konsultazzjoni ma' avukat kienet ghada ma

dahhlietx fis-sehh; ghalhekk l-istqarrija taghha inghatat skond id-dispozizzjonijiet tal-Ligi vigenti fil-perjodu meta giet rilaxxjata. Ghandu jigi rilevat pero li l-ufficjal prosekutur ippermetta li l-imputata tkun akkompanjata minn zewgha meta hija rrilaxxjat l-isqarrija. Huwa ghamel hekk peress li ma kienx hemm pulizija mara disponibbli biex tkun prezenti dak il-hin u ghalhekk, biex jassigura li l-imputata ma thosshiex intimidata, halla lil zewgha jakkompanja; zewgha fil-fatt iffirma l-istarrija hu ukoll.

Illi tenut kont ta’ dan, tenut kont tal-fatti li kienu qed jigu investigati u li l-imputata hija mara adulta, u tenut kont ta’l-ahhar insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali in materja, din il-Qorti hija tal-fehma li l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata tista’ tigi accettata bhala prova ammissibbli.

Ikkunsidrat

Illi hemm tmien imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata: l-ewwel erbgha huma dwar qerq fil-kummerc; il-hames imputazzjoni hija dwar ksur tad-drittijiet ta’ l-awtur; is-sitt u s-sebgha imputazzjoni huma dwar rapprezentazzjoni qarrieqa ta’ trademark registrata; it-tmien imputazzjoni hija dwar ricettazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta’l-ewwel erbgha imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bir-reati kontemplati fis-subartikoli (a), (b), (c) u (f) ta’l-artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi s-subartikolu (a) jipprovdi li kull minn *jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrja, jew, xjentement, jaghmel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid* ikun hati ta’ reat.

Illi mill-provi akkwizieti tul dawn il-proceduri jirrizulta li dak li ghamlet l-imputata kien li qabdet bicciet originali tal-pupi playmobil, immuntathom mhux skond l-ispecifications tal-

Playmobil, u minghajr awtorizazzjoni bieghathom. Ma ngabet l-ebda prova li l-imputata ffalsifikat xi isem, marka, sinjal jew haga ohra elenkata fid-dispozizzjoni tal-Ligi in ezami. Konsegwentement l-ewwel imputazjoni ma tirrizultax.

Illi s-subartikolu (b) jipprovdi li kull minn *jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement, jaghmel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid* ikun hati ta' reat.

Illi jirrizulta li l-imputata kienet tixtri bicciet tal-pupi tal-Playmobil b'mod mhux awtorrizat fis-sens li kienet tixtrihom minghand wiehed li kien jisraqhom biex mbaghad timmuntahom hi, gieli biex tirriproduci mudelli awtenici u gieli skond kif kien jidhrilha hi. Dawn il-pupi immuntati minnha, mhux skond l-ispecifications tal-Playmobil, kienet tbieghhom; dan kollu kienet taghmlu minghajr l-awtorizazzjoni tal-Playmobil. Ghalhekk din it-tieni imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Illi s-subartikolu (c) jipprovdi li kull minn *jaghmel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema* jkun hati ta' reat.

Illi permezz ta' din id-dispozizzjoni l-Ligi mhux qed tikkomtempla falsifikazzjoni, imma uza ta' marka jew emblema li jkun fiha xi indikazzjoni li tista' tqarraq, u bejgh ta' merkanzija b'xi marka jew emblema li jkunu imxebbhin b'qerq; cioe uzu ta' xi marka jew emblema li ghalkemm possibilment mhux identika ghal dik originali, ikollha xi indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej billi tqeghdu taht l-impressjoni li qed jixtri prodott differenti minn dak li fil-fatt qed jixtri. Fi kliem iehor dak li qed tipprojbixxi l-Ligi peremzz ta'din id-dispozizzjoni huwa l-uzu ta' marki li minhabba xebh jistghu jinducu lill-konsumatur li jixtri prodott b'l-impressjoni li qed jixtri prodott iehor.

Illi l-kaz in ezami qed jigi bazat fuq il-fatt li l-imputata kienet qed timmonta pupi u tbieghhom ippakjati kif taf hi. Ma ngiebet l-ebda prova dwar kif kienet tippakjahom u l-mod kif kienet tipprezentahom ghall-bejgh. Ghalhekk ma jistax jinghad li hija uzat xi marka, sinjal tabella jew emblema imsemmija fid-dispozizzjoni tal-Ligi issa in ezami; konsegwentement it-tielet imputazzjoni ma tirrizultax.

Illi s-subartikolu (f) jipprovdi li kull minn *xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq* ikun hati ta' reat.

Illi ghall-istess ragunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjoniijet dwar it-tielet imputazzjoni anke r-raba imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-reat kontemplat f'l-artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontempla ksur ta' drittijiet ta' awtur cioe copyright. Ai termini tas-subinciz (2) ta'l-artikolu 298B *procedimenti taht dan l-artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza.*

Illi jibda biex jinghad li fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dritt ta' awtur (copyright) in diskussjoni. Il-fatti kollha jirrivolvu dwar l-immuntar u bejgh mhux awtorizzat ta' pupi tal-Playmobil. In oltre l-kwerela prezentata mill-prosekuzzjoni hija ittra mibghuta lill-pulizija ghan-nom ta' Playmobil Malta Ltd. Mid-dokumenti esebiti minn John Richards jirrizulta li is-sid ta' dak registrat (trademarks mhux copyright) hija s-socjeta estera Geobra Branbstatter GmbH & Co. L-ittra mibghuta lill-pulizija u esebieta bhala kwerela tindika li s-socjeta Playmobil Ltd kienet qed tagixxi f'isimha stess u mhux in forza ta' xi prokura lilha mghotija mis-socjeta Geobra Branbstatter GmbH & Co.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-hames imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-sitt u s-sebgha imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-reati kontemplati f'l-artikoli 72(1)(a)(b) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ai termini ta' dawn id-dispozizzjonijet tal-Ligi dak li qed jigi protett huwa trademark registrata; dawn id-dispozizzjonijiet jipprovdu li:

*(1) Persuna li bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju -*
*(a) tapplika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma'* ***trademark registrata***[2]*; jew*
*(b) tbiegh jew tikri, toffri jew tesponi ghall-bejgh jew kiri jew tqassam oggetti li jkollhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom ikollu fuqu, sinjal bhal dak;*

Illi skond id-dokumenti esebieti minn John Richards jidher li l-marki registrati u protetti permezz ta'l-artikolu 72 tal-Kapitolu 416 huma "Playmobil" u "Playmobil Funpark".

Illi mill-assjem tal-provi prodotti fil-proceduri odjerni ma jirrizultax li l-imputata ghamlet xi rapprezentazzjoni in kontravenzjoni ta' din l-imsemmija dispozzjoni tal-Ligi. Kif diga ntqal ma tressqet l-ebda prova dwar kif l-imputata kienet tippakja u tbiegh dawn il-pupi li hija kienet timmonta; b'mod partikolari ma tressqet l-ebda prova li hija kienet taghmel fuq il-pupi mibugha minnha xi rapprezentazzjoni qarrieqa tat-trademarks "Playmobil" jew "Playmobil Funpark".

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet issa in ezami gew pruvati.

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija dik dwar ricettazzjoni, reat kontemplat f'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':
1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq,  jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;
2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]**; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-

"*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta'

dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998]).

S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn)

Kif jghid il-KENNY:

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."* [3]

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata akkwistat xi pupi jew bicciet minnhom minghand Stephen Previ li da parti tieghu jammetti li kienu misruqin.

Illi ghalhekk m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju dwar il-fatt li l-imputata akkwistat oggetti li kellhom provenjenza illecita.

Illi dwar l-element formali, u cioe l-konsapevolezza ta’l-imputata dwar il-provenjenza illecita ta’ dawn l-oggetti jirrizulta mill-provi akkwezieti li l-imputata kienet tixtri jew boroz bil-bicciet jew pupi shah bil-prezz ta’ sebghin centezmu kull pupu jew borza; dan huwa prezz baxx hafna meta paragonat mal-prezz li bih hi kienet tbiegh il-pupi: cioe tlett Euro. Tenut kont ta’ dan, fil-kuntest ta’ l-assjem kollu tal-provi, inkluz dak kollu li kienet taf l-

[3] Ref Il-Pulizija vs Darren Debono deciza 15 ta’ Jannar 2009.

imputata dwar restrizzjonijiet fuq il-bejgh tal-pupi tal-playmobil, u dan kollu fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq kwotata, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputata kienet konsapevoli ta’l-origini illecita ta’ dak li hija xtrat minghand Stephen Previ.

Illi ghalhekk din l-ahhar imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkusnidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet divesi fatturi in konsiderazzjoni. L-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata.  Min-naha l-ohra l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta’l-imputata mal-pulizija u l-fedina penali taghha li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja ta’l-ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjoni migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom, wara li rat l-artikoli 298(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata hatja tat-tieni u tat-tmien imputazzjoni migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tordna lill-imputata biex thallas lir-Registratur ta’ din l-Qorti is-somma ta’ sitt mija erbgha u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€644.94) rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti u qed tordna ukoll il-konfiska ta’l-oggetti esebiti bhala Dokument CM8.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------